**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Therese Sciberras]**

**vs**

**Emanuel Psaila**

**Kumpilazzjoni Numru: 635/10**

**Illum, 4 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Emanuel Psaila detentur tal-karta tal-identita` numru 19678M akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer, bejn fis-27 ta' Frar 2010 f'San Pawl il-Bahar f'xi hin volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli

jew immobbli u cioe ghamel xi hsarat f'karozza tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru tar-registrazzjoni HAS 887 u karozza ohra tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni FBD 926 liema hsarat jammontaw ghal aktar minn 1165.00 euros ghad-dannu ta' Mark Zammit.

B'hekk sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz ta' sentenza datata 3 ta' Frar 2005 u dan ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015) li biha elenka l-Artikoli tal-ligi li tahthom jitlob li din il-Qorti ghandha ssib htija u cioe':

- fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi dawn il-proceduri ttawwlu inutilment u dan minhabba tort uniku tal-imputat li ghal snin shah huwa ma nstabx minkejja l-fatt illi kien hemm zewg mandati ta' arresti fil-konfront tieghu;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hsarat fuq zewg karrozzi appartenenti lill-parte civile Marco Zammit tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HAS 887 u Daihatsu Charade bir-

[1] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att XXIV ta' l-2014

registrazzjoni FBD 926 u dan nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) f'San Pawl il-Bahar.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' x-xhieda kollha fosthom tal-parte civile Marco Zammit li rrakonta dan l-akkadut, izda b'mod partikolari tat-tifel tieghu Nathan Zammit li ddeskriva kif beda l-incident u jghid illi l-imputat u persuna maskili ta' nazzjonalita' x'aktarx Gharbija kienu gew jaggredixxu lilu u l-persuni li kienu fil-garaxx tal-parte civile u dan ghaliex riedu lil missieru Marco Zammit. Minn dan l-incident l-imputat dahal bil-van isfar tieghu fil-karrozza Daihatsu Charade tal-parte civile. Ghal dan il-fatt kien hemm prezenti persuna ohra li tahdem mal-parte civile u cioe' Paul Joseph Cachia li kkonferma dan il-fatt u klijent tal-garaxx li kien hemm dak il-hin u cioe' Roger Alan Frier li kkonferma li ra lill-imputat gej bil-van tieghu bil-mod kif spjegaw ix-xhieda l-ohra izda fizikament ma rax il-van tieghu jidhol gol-karrozza tal-parte civile izda pero' li ra l-hsarat.

Il-prosekuzzjoni pproduciet ukoll ix-xhieda tal-mara tal-parte civile Anna Theresa Zammit li dakinhar kienet mal-parte civile meta sussegwentement li l-imputat ma sabx lill-parte civile fil-garaxx hareg bis-sahha u meta ra lill-parte civile li kien fit-triq bil-karrozza tieghu Toyota dan rassu u kkagunalu hsarat fuq din il-karrozza wkoll.

Illi x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni kienet kollha kostanti u mill-ebda punt ma nqabdu jhawwdu jew jigdbu l-anqas fil-kontro-ezamijiet.

Illi di piu xehed il-*panel beater* li ra l-karrozzi tal-parte civile Charles Mifsud ghan-nom ta' Pyramid Garage li ghalkemm jghid li ma jafx jaqra u jikteb pero' wara li ra r-ritratti tal-vetturi inkwistjoni huwa gharafhom ghaliex ix-xoghol kien ghamlu hu. Pero' meta gie mistoqsi fuq id-dokumenti pprezentati u cioe' dawk a fol. wiehed u ghoxrin (21), tnejn u ghoxrin (22), hamsa u ghoxrin (25) u sitta u ghoxrin (26) jghid illi dawk huma stimi izda jekk hargu VAT *receipts* dan sar bi zball ghaliex ix-xoghol tal-karti jiehu hsiebhom it-tifel tieghu.

Illi pero' x-xhud ma setghax jikkonferma l-ammont tal-hsara u l-anqas id-dokumenti pprezentati.

Illi rigward dan il-punt issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** **(App Nru 272/2002 dec 24 ta' Frar 2003 per VDG)** fejn intqal is-segwenti:

> *"It-tieni aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kkagunata fil-vettura tal-Gvern. L-appellant ghandu, in parti, ragun. L-istima maghmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista'*

*jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett inkwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fil-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit. L-uniku ammont li jista' jigi minn din il-Qorti accettat bhala hsara kkagunata fil-vettura huwa dak ta' Lm31 ghax effettivament dana l-ammont thallas mid-Dipartiment koncernat biex inxtrat mera gdida minflok dik miksura (ara d-deposizzjoni ta' Paul Borg, fol. 44). Dana l-ammont ipoggi r-reat ipotizzat fil-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 325(1) u mhux, kif indikat fl-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fil-paragrafu (b)."*

Illi sfortunatament din il-prova ma saritx f'dan il-kaz ghaliex ghalkemm ir-rapprezentant ta' Pyramid Garage gharaf li kien ghamel xi xoghol fuq il-vetturi inkwistjoni ma setghax jikkonferma l-ammont. Di piu' dawn il-vetturi qatt ma

ssewwew u ghalhekk il-valur rejali tal-hsara ma ngabitx. Inoltre ma ngabx jixhed it-tifel ta' Charles Mifsud sabiex jixhed bil-gurament kif wasal ghal dak l-ammont.

Ghal dawn il-motivi ma tistax issib htija fuq hsarat volontarji u kwindi l-ebda akkuza fil-konfront tal-imputat Emanuel Psaila ma giet ippruvata u konsegwentement qed tilliberah minnhom.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**